## "IL-MONS. F.S. CARUANA"

### TIFSIR U TAGHRIF IEHOR

Ir-reċensjoni fuq il-ktejjeb tagħna "Il-Mons. F.S. Caruana" f'"Il-Malti" ta' Marzu, 1948, fiha xi tagħrif li għall-ħaqq u s-sewwa jinħtieġ xi tifsir u tagħrif ieħor minna wkoll.

Ibda biex, li kieku l-Promoturi stennew lill-Gvern jieħu ħsieb huwa biex issir Tfakkira tal-Mons. Caruana, kieku din aktarx ma kenitx issir kif ma sarux ta' Maltin kbar oħra. Dwar konkors għall-aħjar bijografija kieku stess nifhmu illi l-Gvern ma kienx ser jagħti l-premju lil min f'bijografija għal tfakkira nazzjonali ma seta' jsib xejn tajjeb fl-imġiba politika ta' Caruana.

Bħall-ħabib tagħna J. Galea, li kiteb ir-reċensjoni, naqblu li bijografija ma għandhiex tinkiteb sempliċement minn eloġju funebri, iżda din tgħin ħafna, wisq aktar meta, bħal fil-kas tal-Mons. Caruana, l-eloġju jsir minn parroċċi eċċ., u nittamaw li min jitħajjar jikteb bijografija fuq Mons. Caruana ma jiktibx biss minn dokumenti li ma jista' jarahom ħadd ħliefu jew li forsi nkitbu ħażin minn għedewwa jew fuq fehmiet politiċi kif drabi jiġri kontra patrijotti u diplomatiċi.

Il-ħsieb tal-Kumitat tat-Tfakkira fuq id-differenza bejn il-kelma Kanonku u Monsinjur kien li nagħtu ġieħ lil Caruana sew bħala Kanonku eċċ., u kemm bħala Isqof li għalhekk beda mbagħad jissejjaħ Monsinjur, kif fisser Galea stess u kif hekk ukoll isemmuh kotba ta' l-istorja. Dwar l-aħħar żmien ta' l-Ordni li nfaħħru fejn jistħoqqlu u dwar il-ftehim ma' l-Ingliżi ma nafx min seta' s'issa jikteb sewwa fuq żmenijiet hekk imħawda. Xi asserzjonijiet tagħna jista' jkun li huma kontroversjali bħal ma jista' jkun li huma wkoll il-konklużjonijiet tagħhom; għalhekk fi ħwejjeġ kontroversjali għandna nirrispettaw il-fehmiet ta' xulxin mingħajr ma nagħmluha ta' mħallfin.

Il-kittieba li semmejna fil-bibljografija magħżulin b'reqqa fost oħrajn ukoll huma ta' siwi storiku u msemmijin mill-kittieba u minn J. Galea stess fil-ktieb "Il-Ħakma Franċiża f'Malta". Dan biex nuru li l-qalba tal-bijografija ma ktibnihiex sempliċement minn eloġju funebri kif donnu ried ifiehem J. Galea. Il-ktieb "The French in Malta", li huwa l-"Acts and Documents of the French Occupation in Malta", jeżisti b'dak l-isem qasir f'xi "Circulating Libraries".

Meta ktibna li Caruana "kellu bħal kull bniedem ieħor in-nuqqasijiet u aktarx l-ambizzjonijiet tiegħu wkoll li jekk mhumiex ta' siwi storiku jixraq li jibqgħu midfunin miegħu", b'hekk ma fissirniex li jekk inqanqlu l-mejtin ma għandniex inxommu l-irwejjaħ tagħhom ukoll, anzi bil-kelma jekk ħallejna bieb miftuħ għall-irwejjaħ, basta jkunu veri, approvati u ta' siwi storiku u mhux biex sempliċement fuq ċerti suppożizzjonijiet niktbu bijografija li fil-każ ta' Mons. Caruana aktarx tista' 'l quddiem tinkiteb itwal u aħjar bħala l-aħjar monument lilu kif fisser il-Prof. Zarb, O.P., f'għeluq il-'lecture' tiegħu fl-Università (ara "Scientia", Jan.-Marzu, 1948), fejn farrak fehmiet żbaljati ta' wħud dwar Caruana. Ħafna mit-tifħir ta' Bellanti għal Caruana ma semmejniehx.



Il-ktejjeb tagħna sar bil-ħsieb li fi tfakkira ta' Mons. Caruana jurı fil-qosor il-ħajja interessanti ta' dan il-Malti kbir l-aktar f'dak li sewa għal Malta bil-għerf, ħila u patrijottiżmu meħteġin fi bniedem diplomatiku kif kien il-Mons. F.S. Caruana li għalhekk jibqa' jissemma fl-istorja ta' Malta u ta' nazzjonijiet oħra (ara "Il-Malti" ta' Diċembru 1947, p. 127-128 u p. 137, kitba ta' Dr. Galea), li aħna l-Maltin kellna x'naqsmu magħhom f'sentejn imħawda li fihom kienet tinħtieġ imġiba, tattika, bdil ta' pulitika u diplomazija skond kif kien jaqbel lil Malta u l-Maltin, fosthom ukoll, u ma għandniex kieku stess għaflejn nistagħġbu, il-Mons. F.S. Caruana.

M. AGIUS.

---

# Reċensjonijiet

**ALBUM** — Mary Meylak. Lotus Press, Żejtun. 1948.

Din hi ġabra ta' poeżiji li ħarġet fi ktieb il-poetessa Għawdxija MARY MEYLAK, magħrufa għall-istil popolari u immaġinazzjoni qawwija u oriġinali tagħha. L-għażla tat-titlu hu mill-aħjar u l-iżjed milqut fost l-ismijiet li nsibu fuq il-qoxra tal-kotba l-oħra tagħha u joqgħod ħafna għax-xorta ta' poeżijiet li fih dan il-ktieb.

Meta tiftaħ dan il-ktieb tassew li tistħajlek qed tqalleb Album, għax fih issib ix-xbihat ta' ħafna personaġġi u ħwejjeġ storiċi, leġġendarji, popolari, tradizzjonali, intimi u toponomastiċi Għawdxin u għalhekk insibu li hu mqassam f'pitturi u xbihat: il-Gran Mastri ta' Malta, li huma mpinġijin f'sunetti, kull wieħed għalih; Kartolini ta' Tliet Ġrajjiet; Maltin Storiċi Fantastiċi, maħżużin fi kwadri, u Tliet Ritratti ta' Ħajja, imqassmin bħal xi oħrajn ta' qabilhom, fi kwartini ta' versi ottonari; Kartolini ta' Għawdex, li huma pitturi ta' diversi rħula, xtajtiet, bini storiku, għoljiet, eċċ., aktarx imqassmin fi kwartini, settenari, ottonari, senari u oħrajn b'metru varjat, u fost dawn, tiżwiqa ta' sunetti lil xi ħbieb tagħha.

Biex titkellem, tifli u tiddefenixxi l-psikoloġija ta' mara hija ħaġa wisq iżjed iebsa mill-problemi soċjali tal-lum, hekk ukoll xi ftit iebsa biex forsi tagħti apprezzament imwieżen u xieraq tal-poeżija ta' mara fejn is-sentimenti psikoloġiċi għandhom sehem kbir fl-istima ta' l-istil ġenju poetiku tagħha.

Mary Meylak trid tħares lejha minn ħafna bnadi fil-poeżija tagħha: sentimenti, immaġinazzjoni, lessiku u metrika. Is-sentimenti ta' din il-poetessa mhumiex forsi hekk fini fis-sunetti tal-Gran Mastri daqs kemm fil-ballati jew romanzi, bħal f'*Il-Warda Maltija* u *L-Anġlu tax-Xelter*, fejn il-qalb ta' mara għandha sehem kbir ta' sentimentaliżmu l-iktar fin, u hawnhekk Meylak uriet li għarfet tersaq lejn il-poeżija sentimentali ta' sħabha, fosthom ta' Ada Negri, għalkemm forsi l-poetessa tagħna qatt ma għamlet il-konoxxenza tagħha.

L-aqwa li tirkaċċa fil-versi ta' Meylak hija bla dubju ta' xejn l-immaġinazzjoni oriġinali tagħha, hekk oriġinali li ma tista' xxebbaħha ma'